# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

**MAGISTRAT:**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D, MAG.JUR (EU LAW)**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA L-5 TA' FRAR 2002**

Citazz numru 206/99

A.F Ellis Ltd u A.F Ellis (Trading) Ltd

vs

A.X Holdings Ltd u Holiday Resorts Ltd

**Il-Qorti;**

Is-socjetajiet atturi ppremettew fic-citazzjoni taghhom, illi:

"permezz ta' kuntratt bid-data 11 ta' Settembru 1998 [huma] xtraw l-ishma illi s-socjetajiet konvenuti kellhom fis-socjeta 'Seascape Resorts Ltd", liema bejgh sar bil-prezz konvenut ta' mitejn u erbghin elf lira (Lm240,000);

Illi l-assi principali tal-istess 'Seascape Resorts Ltd' huwa l-kwota azzjonarja illi ghandha ta' mija u tlieta u ghoxrin elf mija u ghoxrin (123,120) sehem ordinarju fis-socjeta 'Rundle Gardens Ltd', liema ishma jikkostitwixxu erba' u ghoxrin fil-mija tal-kapital mahrug u allokat tas-socjeta 'Rundle Gardens Ltd';

Illi l-assi principali tas-socjeta 'Rundle Gardens Ltd' hija l-proprjeta immobbli maghrufa bhala 'Duke of Edinburgh Hotel' fi Triq ir-Repubblika, Victoria;

Illi l-imsemmija socjeta 'Rundle Gardens Ltd' qeghdha fil-process illi tizviluppa mill-gdid l-istess sit fejn qabel kien hemm l-istess 'Duke of Edimburgh Hotel' u fil-process inkixfu difetti redibitorji illi mhux talli is-socjetajiet attrici ma setghux jiskopru qabel l-att tal-bejgh, talli kienu

inghataw assigurazzjonijiet 'a contrario sensu' minn rapprezentanti tas-socjetajiet konvenuti fl-istadju ta' negozzjazzjoni kif sejjer jigi ppruvat fil-kors ta' dina l-kawza;

Illi dawn il-vizzji redibitorji jnaqqsu mill-valur tal-proprjeta immobbli tas-socjeta 'Rundle Gardens Ltd' illi taghha s-socjeta mixtrija 'Seascape Resorts Ltd' ghandha erba' u ghoxrin fil-mija tal-kapital in virtu tal-ftehim sucitat;

Illi s-socjetajiet attrici ppruvaw jaslu fi ftehim bonarju mas-socjetajiet konvenuti ghal tnaqqis fil-prezz mifthiem kif imsemmi izda l-istess socjetajiet konvenuti ma riedu bl-ebda mod inaqqsu l-istess prezz;

TALBU lill-Qorti:

1. prevja d-dikjarazzjoni illi vizzji redibitorji rrizultaw mill-oggett tal-ftehim imsemmi illi minhabba fihom il-valur tal-azzjonijiet mibjugh lis-socjetajiet attrici huwa anqas minn dak li thallas jew li ser jithallas lis-socjetajiet konvenuti;

2. tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti illi jaghtu lura dik il-parti tal-prezz lilhom imhalsa jew li ser tithallas li tiffissa l-istess Onorabbli Qorti minhabba dawk il-vizzji illi sejrin jigu ppruvati fil-kors ta' dina l-kawza, billi s-socjetajiet attrici jzommu l-azzjonijiet illi huma xtraw fis-socjeta 'Seascape Resort Ltd' oggett tal-ftehim imsemmi.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ingunzjoni tar-rapprezentanti tas-socjetajiet konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma imharkin.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti li eccepew:

1. illi preliminarjament din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni biex tisma' u tiddeciedi l-kawza a tenur ta' l-Artikolu 745 u l-Artikoli ohra tal-Kodici ta' Procedura Civili relattivi ghall-gurisdizzjoni: is-socjetajiet konvenuti ghandhom ufficju registrat f'Malta u l-azzjoni 'de quo' tinvolvi azzjonijiet (ishma) f'socjeta b'ufficcju registrat f'Malta, ghalhekk dina l-Qorti mhijiex il-forum il-ghandha gurisdizzjoni;

2. illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni ammessa ghall-grazzja tal-argument illi hija ezercitabbli , hija perenta bid-dekors ta' sitt xhur a tenur ta' l-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili;

3. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni hija inesperibbli ghaliex ma hix esercitabbli f'kaz ta' trasferiment ta' azzjonijiet li huma mobbli inkorporali izda esperibbli biss f'kaz ta' res corporales;

4. illi minghajr pregudizzju ghall-premess, mhux minnu dak li huwa allegat fis-sens illi qatt ma nghataw assikurazzjonijiet kif allegat u illi dwar l-encroachments li rrizultaw fit-3 ta' Mejju 1999, l-esponenti dejjem agixxa in bona fede;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tal-4 ta' Ottubru 2001 u dak sussegwenti fejn il-partijiet baqaw inadempienti u fejn il-Qorti iddeferiet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni.

Ikkunsidrat:

Hija l-ewwel eccezzjoni li ghandha tigi deciza permess ta' dan il-gudikat. Hi tirrigwarda n-nuqqas ta' kompetenza tal-qorti 'ratione personae' invokata mis-socjetajiet konvenuti fuq 'il-privilegium fori' a bazi tal-fatt li huma socjetajiet li ghandhhom l-ufficju taghhom registrat f'Malta u li "l-azzjoni 'de quo' tinvolvi azzjonijiet (ishma) f'socjetajiet b'ufficju registrat f'Malta ". Din l-asserzjoni is-socjetajiet konvenuti stqarrewha fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom. Ma gietx ukoll ribadita minnhom fid-dikjarazzjoni guramentata tal-fatti u lanqas ipproducew dokumentazjoni jew provi n-sostenn ta' dan nonostante s-sentejn u fuqhom li l-kawza ilha pendenti. Kwindi u in bazi tal-massima 'onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat' l-asserzjoni tal-konvenuti almenu fejn jirrigwarda l-ufficju registrat taghhom ma tikkostitwix 'probatio probata'. Pero mhux hekk biss, ghaliex jirrizulta, u dan mid-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjetajiet atturi, li ghalkemm l-oggett tal-bejgh kienu azzjonijiet fis-socjeta 'Seascape Resorts Ltd' l-istess kienu jolqtu l-proprjeta "Duke of Edinburgh Hotel", immobbli sitwat fi Triq ir-Rebublika gewwa Victoria, Ghawdex, kostitwenti l-assi principali tas-socjeta "Rundle Gardens Ltd" li taghha s-socjeta "Seascape Resorts Ltd" hija azzjonista fin-numru ta' mija u tlieta u ghoxrin elf mija u ghoxrin azzjonijiet ordinarji. Ghalhekk ghandu jopera f'kull kaz l-Artikolu 770 tal-Kap 12 li jipprovdi: " li l-privilegium fori jispicca wkoll, fil-kaz li l-kawza tkun

dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tigi esegwita fi Gzira partikolari".

Ghaldaqstant il-Qorti qeghdha tichad din l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti u tordna l-prosegwiment tal-kawza; spejjes tal-prezenti a karigu tal-konvenuti.

(ft.) A.M.Trigona
Magistrat.

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur